MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tal-21 ta' Frar, 2012

Numru 1199/2008

Il-Pulizija
(Spettur Nicholas Sant)

vs

Carmelo Mallia

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat ta’ karta ta’ identita’ numru 600649M, akkuzat talli nhar id-29 ta’ Ottubru 2008 ghal habta tal-11.00 ta’ filghodu gewwa numru 8 “Charmar” Triq Agnese Schembri, B’Kara:
1. Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta’ haddiehor f’periklu car, ikkaguna feriti ta’ natura gravi fuq il-mara tieghu Mary Helen Mallia skond kif iccertifika Mr Alec Sultana (Orthopedic Surgeon) ta’ l-Isptar Mater Dei;

2. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi hebb ghal martu Mary Helen Mallia u kkagunalha griehi ta’ natura hafifa skond kif iccertifika Dr.N. Spiteri MD Reg 5148 ta’ l-Isptar Mater Dei;
3. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi hebb ghal istess Mary Helen Mallia sabiex jingurja, idejjaqa jew jghamlilha hsara;
4. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi gewwa Triq Agnese Schembri, B’Kara, volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet pubbliku b’ghajjat u glied.

Rat r-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali li permezz tal-artikoli tal-ligi minnu citati bghat lill-imputat biex jigi ggudikat minn dina l-Qorti rigward il-htija jew nuqqas taghha;

Semghet lill-imputat jiddikjara li ma kienx qed jopponi biex il-kawza tinstema sommarjament minn dina l-Qorti;

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkonsidrat:

L-akkuzi huma risultat ta’ argument bejn l-imputat u martu li sehh fil-jum indikat u msemmi fic-citazzjoni kawza tal-liema mart l-imputat kellha tirrikorri l-Isptar ‘Mater Dei’ li jidher irrapurtat lill-Pulizija li wara li kienet indagat intavolaw l-odjerni proceduri kriminali kontra l-imputat kompriza l-imputazzjoni li huwa ikkaguna feriti ta’ natura gravi lill-martu.

Dwar din l-akkuza din il-Qorti tistqarr li fuq ezami tal-provi, senjatament izda mhux limitatament, tal-persuna li assistit lill-mart l-imputat, kien hu li aggredixxa lill-martu u b’konsegwenza tal-aggressjoni wahda mill-pali ta’ saqajha nqabdet mal-bieb tad-dar b’risultat li sofriet ksur. Apparti minn dan martu sofriet xi kontuzjonijiet f’wiccha,

klassifikati bhala ta' natura hafifa, li garbet minn l-istess aggressjoni. Fuq daqshekk il-Qorti hi sodisfatta li tali griehi gew kkagunati lilha mill-imputat zewgha. Qedgha konsegwentement issibu hati taghhom. Jinghad pero' li kif jirrisulta mill-kuntratt ta' separazzjoni, esebit in atti, martu irrinunzjat ghall-dak kollu rinunzjabbli. Ghalhekk il-Qorti qeghda tastjeni li tiehu aktar konjizzjoni tat-tieni akkuza izda ssibu hati tal-ewwel. In propositu l-Qorti fir-rigward tal-feriti gravi konsistenti kif gja intqal fi ksur f'wahda mis-sdaqajn ta' mart l-imputat mhux qedgha taqbel ma' dak li gie lilha sottomess fit-trattazzjoni mill-abbli difensur li l-ksur kien accidentali. Altru li hemm ness bejn l-aggressjoni u l-ksur. Ukoll dwar l-entita' gravi tal-feriti l-provi fir-rigward huma ben cari.

Madanakollu, taqbel li t-tielet akkuza hi assorbita fl-ewwel ai termini tal-Artikolu 17(d) tal-Kap 9 izda tirrijavvisa r-rejita' tal-imputat fir-rigward ir-raba li taghha pero' japplika l-imsemmi Artikolu 17(d) fuq il-konkors ta' reati u pieni.

Tiddikjara l-imputat ghalhekk hati tal-ewwel, tilliberah mit-tieni stante rinunzja u tiddikjara it-tielet u raba assorbiti fl-ewwel.

Dwar il-piena l-Qorti qedgha tikkonsidra li l-akkuzi jirreferu ghas-sena 2008. Fil-frattemp huma isseparaw konsenswalment kif attestat mill-kuntratt ta' separazzjoni tat-23 ta' Novembru 2010. Qeghdin jghixu ghar-rashom u mill-fedina penali tal-imputat jirrisulta li dan hu l-ewwel reat li qatt ghamel.

Fic-cirkostanzi ghalhekk qeghda tapplika kontra l-imputat l-Artikolu 22 tal-Kap 446 b'dan li qeghdha tilliberah bil-kundizzjoni li ma jghamilx reat iehor punibbli bi prigunerija zmien sena mill-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------